# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Mejju 2016**

**Numru 18**

**Ċitazzjoni Numru 228/2010 JZM**

**Is-Soċjetà *The Ramblers' Association of Malta***

***v.***

**L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar;**
**Marthese Said u l-Avukat Victor Scerri għal**
**kwalunkwe interess li jista' jkollu**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà attriċi minn sentenza mogħtija fis-6 ta' Marzu 2012 mill-Prim'Awla Qorti Ċivili li laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Marthese Said u l-Avukat Victor Scerri illi (i) s-soċjetà attriċi m'għandhiex l-interess ġuridiku meħtieġ biex tagħmel din il-kawża u (ii) l-qorti m'għandhiex kompetenza fuq il-mertu għax il-qrati ordinarji ma jistgħux jissostitwixxu d-diskrezzjoni tagħhom għal dik tal-awtorità kompetenti. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Is-socjetà attriċi hi għaqda volontarja li l-għanijiet ewlienija tagħha huma l-ħarsien tal-kampanja u tal-wirt naturali u kulturali li jinsab ġo

fiha, u li tagħmel rappreżentazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti biex tara li titħares il-liġi fir-rispett tal-interessi u drittijiet ambjentali taċ-ċittadin kif igħidu u jridu l-liġijiet ta' Malta u dawk Ewropej.

3. Il-konvenuti konjuġi Marthese Said u l-Avukat Victor Scerri għandhom proprjetà f'Wied tal-Marġa, limiti tal-Baħrija, Rabat li hija żona li s-soċjetà attriċi tgħid illi hija meqjusa bħala waħda li għandha valur ekoloġiku, xjentifiku u arkejologiku. Minkejja dan, matul is-snin l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ["l-Awtorità konvenuta"] ħarġet diversi permessi fuq is-sit tal-konvenuti Said u Scerri f'Wied tal-Marġa, li iżda, fil-fehma tal-attriċi, ma għadhomx fis-seħħ, jew, jekk għad hemm xi wħud minnhom fis-seħħ, il-kondizzjonijiet li taħthom inħarġu ma humiex qegħdin jitħarsu mill-konvenuti Said u Scerri. Minkejja dawn in-nuqqasijiet, l-Awtorità konvenuta ma żammitx lill-konvenuti l-oħra milli jkomplu x-xogħlijiet sakemm jiksbu l-permessi meħtieġa.

4. Għalhekk is-soċjetà attriċi talbet lill-ewwel qorti:

> »1. tiddikjara illi l-permess numru PA 5846/04 bl-ebda mod ma estenda l-validità tal-permess numru PA 6321/02 li llum skada;
>
> »2. tiddikjara illi, għaldaqstant, il-permess numru PA 5846/04 ma jintitolax lill-konvenuti Marthese Said u lill-avukat Victor Scerri illi jwettqu żvilupp fis-sit mertu tal-applikazzjonijiet imsemmija wara illi l-validità tal-permess numru PA 6321/02 skadiet fl-1 ta' Mejju 2008;
>
> »3. tiddikjara illi r-*Revised Method Statement* approvat mill-awtorità konvenuta fl-1 ta' Diċembru 2009 ma jistax jissanċixxi żvilupp fuq is-sit *de quo* li ma kienx l-oġġett tal-permessi oriġinali u għaldaqstant dan ir-*Revised Method Statement* hu għal kollox irritwali u, konsegwentement, illegali;
>
> »4. konsegwentement tiddikjara illi x-xogħlijiet kollha illi twettqu mill-konvenuti Marthese Said u l-avukat Victor Scerri fis-sit mertu tal-applikazzjonijiet imsemmija wara illi l-validità tal-permess numru PA 6321/02 skadiet fl-1 ta' Mejju 2008 saru illegalment u mingħajr il-permess meħtieg mill-liġi;

»5. konsegwentement tordna lill-konvenuti Marthese Said u l-avukat Victor Scerri jirripristinaw is-sit in kwistjoni fl-istat li kien fl-1 ta' Mejju 2008 u dana f'terminu prefiss minn dina l-onorabbli qorti, u fin-nuqqas, tordna lill-awtorità konvenuta sabiex tibda proċeduri ta' infurzar fir-rigward tal-iżvilupp in kwistjoni sabiex is-sit jiġi ripristinat fl-istat li kien fl-1 ta' Mejju 2008;

»6. alternattivament, tiddikjara illi, għar-raġunijiet premessi, jeżistu raġunijiet suffiċjenti sabiex l-awtorità konvenuta tirrevoka l-permess imsemmi PA 5846/04 *ai termini* tal-artikolu 39A tal-Kap. 356;

»7. għaldaqstant tikkundanna lill-awtorità konvenuta talli naqset milli tirrevoka l-imsemmi permess u tagħti dawk il-provvedimenti u ordnijiet meħtiega sabiex l-awtorità konvenuta tieħu l-passi meħtiega sabiex, jekk ikun hemm il-ħtiega, tirrevoka l-permess imsemmi PA 5846/04.«

5. Il-partijiet fil-kawża qablu li l-ewwel qorti għandha tiddeċiedi fuq l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti Marthese Said u l-Avukat Victor Scerri li jgħidu hekk:

»1. Illi preliminarjament in-nullità tal-proċeduri għaliex skond l-istatut tas-soċjetà rikorrenti l-istess soċjetà m'għandhiex il-jedd jew poter li tippromwovi azzjonijiet ġudizzjarji imma biss [fil-parti *Aims & Objectives*] "*to make representations to competent authorities and institutions in order to ensure law enforcement with regard to citizens' rights in accordance with the Environment Commission of the European Union*", u għalhekk il-proċeduri odjerni huma *ultra vires* l-istess soċjetà.

»2. … it-talbiet kif impost għandhom jiġu miċħuda *stante* illi s-soċjetà rikorrenti m'għandhiex l-interess ġuridiku meħtieġ biex tintavola dawn il-proċeduri.

»3. … illi kif it-talbiet ġew imposti dina l-onorabbli qorti m'għandhiex il-kompetenza fuq il-mertu *stante* illi l-Kap. 356 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ċar fis-sens illi l-approvazzjoni jew rifjut ta' applikazzjonijiet għal permessi tal-iżvilupp, u l-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-artikoli 39A u 52 tal-Kap. 356, huma responsabilità esklusiva tal-awtorità intimata, u *stante* illi hawn *si tratta* ta' diskrezzjoni amministrattiva, il-qrati ordinarji ma jistgħux jissostitwixxu d-diskrezzjoni tagħhom għal dik tal-entità kompetenti. …«

6. Bis-sentenza li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Marthese Said u Victor Scerri u laqgħet it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tagħhom, wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet (li huma l-eċċezzjonijiet li dwarhom sar l-appell):

»*Dwar l-ewwel eċċezzjoni*

»... ... ...

»*Dwar it-tieni eċċezzjoni.*

»Il-konvenuti jeċċepixxu l-karenza ta' interess ġuridiku fl-istanza attriċi.

»Fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom, il-konvenuti Said u Scerri għamlu rassenja ta' ġurisprudenza dwar l-interess ġuridiku li, mingħajr dubju, hija kondivisibbli b'mod ġenerali.

»Propju għalhekk din il-qorti mhijiex sejra tagħmel riferenza għal dik il-ġurisprudenza għall-fini tal-provvediment tal-lum jew għal ġuris-prudenza oħra li timxi fuq l-istess binarji jew simili.

»Li sejra tagħmel din il-qorti huwa biss illi tikkonċentra fuq il-bażi tal-interess u *cioè* t-tliet elementi li jridu jissussistu kollha kemm huma sabiex jista' jingħad li hemm l-interess li trid il-liġi.

»Min jipproponi kawża jrid ikollu interess - (a) ġuridiku, fis-sens illi d-domanda jrid ikun fiha ipotesi tal-eżistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tiegħu ; (b) dirett u personali: ikun dirett meta jeżisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi tagħha, u jkun personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, ħlief għall-azzjoni popolari (li mhix il-każ tal-lum); u (c) attwali, fis-sens li jrid joħroġ minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jiġifieri l-vjolazzjoni attwali tal-liġi trid tikkonsisti f'kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja għall-godiment ta' dirett legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur (Muscat *v.* Buttigieg **-** Vol. LXXIV.II.481).

»Din il-qorti qieset b'reqqa l-provi tal-għaqda attriċi; in partikolari ssoffermat fuq ix-xiehda ta' Alex Vella u l-istatut tal-għaqda – kemm dak li kien viġenti fl-2005 u kemm dak attwali u tistqarr illi ma tistax issib fejn l-għaqda attriċi tista' tgħid li għandha l-interess rikjest mil-liġi sabiex tistitwixxi l-istanza tagħha kif dedotta.

»Huwa evidenti mix-xiehda ta' Alex Vella illi l-assoċjazzjoni attriċi bdiet tagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tagħha mal-*MEPA* u wara istitwiet din il-kawża meta fil-kors tal-attivitajiet tagħha sabet illi, fil-fehma tagħha, ix-xogħlijiet li kienu qeghdin isiru mill-konvenuti Said u Scerri kienu in vjolazzjoni tal-permessi ċitati approvati. Alex Vella mingħajr l-iċken esitazzjoni jirrikonoxxi li f'ebda waħda mill-proċeduri quddiem il-*MEPA* li wassal għall-permessi ma l-assoċjazzjoni attriċi kienet *a registered objector.*

»Fil-fehma ta' din il-qorti, dak premess fil-paragrafu ta' qabel dan ma jinvestix lill-għaqda attriċi bl-interess li trid il-liġi sabiex tistitwixxi l-kawża tal-lum.

»Mill-istatut tal-assoċjazzjoni attriċi irriżulta lil din il-qorti mhux biss in-natura tal-għaqda, u *cioè apolitical, voluntary, non-governmental organisation*, iżda l-iskopijiet li għalihom twaqqfet. Dawk l-*aims and objectives*, anke jekk fejjieda b'mod ġenerali fl-iskop tagħhom, ma jistgħux jistqiesu bħala *jedd* għall-fini tar-rekwiżit tal-interess. Sabiex setgħet l-assoċjazzjoni attriċi tipproċedi bil-kawża tal-lum, kellha bħala pre-rekwiżit tipprova illi hija kienet qegħda taġixxi sabiex tilqa' kontra ksur ta' *jedd* tagħha.

»Analiżi wieħed wieħed tal-*aims and objectives* tal-għaqda twassal finalment sabiex tkun identifikata r-*ragion d'essere* tal-għaqda però hija l-fehma ta' din il-qorti dik il-ġemgħa ta' objettivi, lodevoli kemm trid,

ma jikkostitwux *jedd* anke fil-kuntest tal-mod kif svolġew il-fatti tal-każ tal-lum.

»Skond is-sentenza ta' din il-qorti diversament presjeduta … tat-12 ta' Diċembru 2001 fil-kawża Attard *et noe v.* Abela *noe et*, "il-ksur ta' jedd ... ikun jikkonsisti f'kondizzjoni posittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew li lilu jkun mistħoqq".

»Fl-istess sentenza jkompli jingħad hekk –

> »"Illi l-interess ġuridiku f'attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk dan iġib miegħu il-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew li tiġi msewwija inġustizzja magħmula fil-konfront tagħha (App. Kumm. 2.4.1983 fil-kawża fl-ismijiet Farrugia *et v.* Buhagiar [Kollez. Vol. LXXVII.II.98).

»Il-qorti f'dan l-istadju tagħmel riferenza għan-nota ta' osservazzjonijiet tal-għaqda attriċi senjatament fejn *a fol.* 102 ingħad hekk: "ġaladarba l-legislatur innifsu f'materja ta' ħarsien tal-ambjent u ppjanar tal-iżvilupp sganċja espressament id-dritt ta' azzjoni mill-interess ġuridiku kif tradizzjonalment ikkonċepit mid-dottrina, bla dubbju dan il-konċett ta' dritt diffuż, u mhux dritt personali, għandu japplika wkoll għal meta persuna tirrikorri l-qorti sabiex titlobha tistħarreġ l-għemil amministrattiv tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kif qed isir fil-każ *de quo*". Tirreferi wkoll għall-argumenti li ġabet l-istess soċjetà attriċi fondati fuq il-Konvenjoni ta' Aarhus.

»Il-fehma tal-għaqda attriċi mhijiex kondivisa minn din il-qorti.

»Azzjoni bħal dik tal-għaqda attriċi mhijiex *sui generis.* Bl-eċċezzjoni tal-*actio popolaris*, ir-rekwiżit tal-interess huwa l-kejl ta' kull azzjoni mingħajr distinzjoni. Saħansitra f'kawżi ta' *indole* kostituzzjonali jew konvenzjonali, l-interess huwa l-qofol tal-azzjoni.

»Fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-għaqda attriċi, saret riferenza dettaljata għall-Konvenzjoni ta' Aarhus, iċċitat dottrina, irreferiet għad-Dikjarazzjoni ta' Stockholm u ta' Rio, u għall-ordinament ġuridiku Brittaniku u Franċiż. Saret però riferenza wkoll għall-Avviż Legali 74 tal-2006 u *cioè* r-Regolamenti tal-2006 dwar il-Parteċipazzjoni Pubblika fi Pjanijiet u Programmi li permezz tagħhom kienu implimentati d-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u d-Direttivi tal-Kunsill tal-Ministri tal-UE 85/337/KEE u 96/61/KE.

»Din il-qorti qieset b'reqqa dawn ir-Regolamenti u tgħid illi għalkemm l-għaqda attriċi tikkwalifika bħala *il-pubbliku* għall-fini ta' dak l-Avviż Legali, id-disposizzjonijiet ta' dak l-Avviż Legali, li huwa intiz sabiex *l-Awtorità Maltija dwar l-Ambjent u Ippjanar tiżgura li l-pubbliku jingħata opportunitajiet bikrija u effettivi biex jipparteċipa fil-preparazzjoni u l-modifika tal-pjanijiet jew il-programmi li jinħtieg taħt id-disposizzjonijiet elenkati fl-iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti*, ma għandhomx x'jaqsmu mal-mertu tal-kawża tal-lum. Fir-Reg.4(1) jissemma *jedd* tal-pubbliku illi jipparteċipa għall-fini tal-iskop imsemmi. Però l-kaz tal-lum huwa divers għal kollox, apparti li ebda wieħed mid-disposizzjonijiet tal-iskeda ma japplika għall-każ tal-lum.

»Għalhekk din il-qorti tgħid li għall-każ tal-lum m'għandux ikun hemm regoli speċjali jew deroga mill-*interess ġuridiku kif tradizzjonalment ikkonċepit mid-dottrina* (biex din il-Qort tiċċita minn dak rilevat mill-għaqda attriċi). Din il-qorti qieset b'reqqa r-riferenżi li għamlet l-għaqda attriċi u tgħid li ma sabet l-ebda fondament fil-pretensjoni attriċi li, fil-każ ta' azzjoni bħal dik tentata minnha, ir-rekwiżit tal-interess għandu jieħu xejra aktar liberali u riflessiv lejn l-esiġenzi ta' ħarsien li l-azzjoni stess hija intiża sabiex tasal għalih.

»Hija l-fehma konsiderata ta' din il-qorti illi *nonostante* l-kostituzzjoni tal-assoċjazzjoni attriċi, *nonostante* li hija għaqda volontarja kostitwita skond il-liġi, is-soċjetà attriċi m'għandhiex il-jedd, u allura l-interess rikjest mil-liġi applikabbli għal kulħadd l-istess, li tipproċedi bl-istanza tagħha fuq il-premessi u għall-fini tat-talbiet kif dedotti fil-kawża tal-lum.

»Għalhekk din il-qorti qiegħda tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti Said u Scerri.

»*Dwar it-tielet eccezzjoni.*

»Eċċezzjoni tal-istess xorta jew xebh bħal din it-tielet eċċezzjoni preliminari kienet trattata u deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Novembru 2009 fil-kawża <u>Farrugia et *v.* l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar *et*</u> fejn il-Qorti tal-Appell ikkonfermat sentenza li kienet tat din il-qorti kif presjeduta fit-2 ta' Lulju 2009.

»Is-sentenza <u>Farrugia et *v.* l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar *et*</u> kienet ċitata *in extenso* fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti Said u Scerri.

»A skans ta' repetizzjoni, din il-qorti tagħmel riferenza għal dik is-sentenza, u għall-ġurisprudenza hemm citata, u tgħid li dak deċiż f'dik il-kawża jgħodd għall-kawża tal-lum.

»Din il-qorti tgħid illi fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha l-għaqda attriċi ma tindirizzax b'mod preċiż u adegwat l-insenjamenti li ħargu mis-sentenza "<u>Farrugia *et v.* l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar *et*</u> u, għalkemm tgħid tagħha dwar il-poteri tal-*MEPA*, ma tasalx biex tgħid li dak deċiż mill-Qorti tal-Appell mhuwiex applikabbli għall-fatti tal-każ tal-lum.

»Għalhekk din il-qorti qiegħda tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti Said u Scerri.

»*Decide*

»Għar-raġunijiet kollha premessi, din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi hekk –

»Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti Marthese Said u Avukat Dottor Victor Scerri, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti Marthese Said u avukat Dottor Victor Scerri;

»Tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-istess konvenuti Marthese Said u Avukat Dottor Victor Scerri u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra s-socjetà attriċi;

»Tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-istess konvenuti Marthese Said u Avukat Dottor Victor Scerri u tiddikjara li m'għandhiex il-kompetenza illi tisma' u tiddeċiedi l-mertu tat-talbiet attriċi, u qiegħda għalhekk tastjeni milli

> tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi.«

7. Is-soċjetà attriċi appellat, b'rikors tat-28 ta' Marzu 2012, minn dawk il-partijiet tas-sentenza fejn l-ewwel qorti laqgħet it-tieni u tielet eċċezzjonijiet tal-konvenuti Said u Scerri. Il-konvenuti Said u Scerri wieġbu fit-28 ta' Marzu 2012, u l-Awtorità konvenuta wieġbet fit-13 ta' April 2012, biex igħidu illi l-appell tas-soċjetà attriċi għandu jiġi miċħud u s-sentenza tal-ewwel qorti tiġi konfermata bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi.

8. Fl-aggravji tal-appell tagħha s-soċjetà attriċi tinsisti li i. hi għandha l-interess ġuridiku meħtieġ f'sens aktar wiesa' minn dak tradizzjonalment aċċetat u applikat fil-ġurisprudenza lokali u barranija biex tmexxi din il-kawża quddiem il-qorti u ii. l-ewwel qorti ma kellhiex tiddikjara li ma kinitx kompetenti li tisma' u tiddeċiedi l-mertu tat-talbiet tagħha għax il-konsiderazzjonijiet li fuqhom hija msejsa s-sentenza[1] li fuqha straħet l-ewwel qorti ma jgħoddux għall-każ tallum.

9. Kompliet tfisser l-ewwel aggravju hekk:

> »… ... ... minkejja s-sottomissjonijiet eżawrjenti u komprensivi illi s-soċjetà appellanti għamlet fin-nota tagħha … … ... l-ewwel onorabbli qorti għazlet illi timxi man-nozzjoni tradizzjonali tal-kunċett ta' interess ġuridiku … u ma tapplikax nozzjoni aktar liberali tal-interess ġuridiku fid-dawl anke tal-Konvenzjoni ta' Aarhus illi Malta adottat bħala membru tal-Unjoni Europea kif ukoll fid-dawl ta' żviluppi fil-ġurisprudenza aktar riċenti. Illi l-ewwel onorabbli qorti injorat għal kollox is-sentenzi ċċitati mis-soċjetà appellanti fejn in-nozzjoni ta' interess ġuridiku twessgħet aktar, kemm tal-qrati tagħna kif ukoll ta' qrati barranin u, notevolment, id-decizjoni tal-Qorti ta' Appell Inferjuri tat-12 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet Martin Debrincat *v.* L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, dik *tal-Consiglio di Stato* taljan (IV, n. 64671/2005*)* u dawk ingliżi fl-ismijiet Pergau Dam u Dixon fejn ġie adottat kunċett aktar

[1] Carmelo Farrugia *v.* Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, Qorti tal-Appell, 27 ta' Novembru 2009.

wiesa' tal-kunċett t'interess ġuridiku illi ssanzjona azzjonijiet da parti tal-pubbliku u ta' għaqdiet mhux governattivi sabiex tiġi rispettata s-saltna tad-dritt f'materji ambjentali.

»Illi peress illi l-imsemmija Konvenzjoni ta' Aarhus ġiet promulgata mill-Unjoni Europea bid-Direttivi 85/337/EEC u 96/61IEC u ġiet trasposta fl-ordinament ġuridiku tagħna bl-Avviż Legali 74 tas-sena 2006, in-nuqqas tal-ewwel onorabbli qorti illi jirrikonoxxi l-*locus standi* tas-soċjetà appellanti fil-proċeduri odjerni tikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt komunitarju u, għaldaqstant, hemm lok illi s-soċjetà appellanti titlob rinviju preġudizzjali (*preliminary reference*) lill-Qorti Europea tal-Ġustizzja sabiex dina l-qorti tagħti deċiżjoni preliminari dwar jekk il-Konvenzjoni ta' Aarhus kif inkorporata fl-*acquis communitaire* bid-Direttivi msemmija u kif trasposta fil-liġi tagħna kif ingħad tagħtix *locus standi* lis-soċjetà appellant fil-proċeduri odjemi peress illi għandha l-interess ġuridiku rekwiżit bħala għaqda illi l-iskop tagħha huwa l-ħarsien tal-ambjent.

»Illi huwa evidenti illi l-ewwel onorabbli qorti skartat għal kollox il-kunċett ta' *public interest litigation concerning environment matters* u waslet għall-konklużjoni xejn aċċettabli f'soċjetà evoluta u demokratika illi l-aġir allegatament illegali tal-appellati m'huwa bl-ebda mod sindikabbli jekk mhux minn persuna illi jew kienet *registered objector* għall-applikazzjoni għall-iżvilupp in kwistjoni jew illi togħod eżatt ħdejn l-iżvilupp prospettat u sejra tiġi affetwata materjalment minn tali żvilupp. Tajjeb illi wieħed isemmi wkoll illi l-kawża odjerna m'hijiex sabiex wieħed jissindika jekk permess tal-iżvilupp għandhux joħroġ jew le imma sabiex il-qorti tagħti dikjarazzjoni jekk permess partikolari estendiex il-validità ta' permess preċedenti jew le u jekk, altern-attivament, l-awtorità appellata kellhiex raġunijiet biżżejjed sabiex teżerċita l-poteri tagħha taħt l-artiklu 39A tal-Kap. 356 u tirrevoka l-permess PA 5846/04 għar-raġunijiet imsemmija fir-rikors ġuramentat, Il-kwistjoni m'hijiex jekk l-applikazzjoni għall-permess imsemmija kell-hiex tinħareg jew le, f'liema każ is-soċjetà appellanti kellha bilfors tir-reġistra l-objezzjoni tagħha fl-istrutturi tal-awtorità appellata kif titlob il-liġi. It-talbiet tas-soċjetà appellanti bilfors kellhom jiġu ventilati quddiem l-ewwel onorabbli qorti għaliex m'hemm l-ebda mekkaniżmu *ad hoc* fi ħdan l-awtorità appellata sabiex jiddetermina jekk permess estendiex il-validità ta' permess preċedenti. … ... ...«

10. Il-konvenuti Said u Scerri wieġbu illi l-attriċi qiegħda impliċitament tammetti illi, bil-kriterji tradizzjonali tal-interess ġuridiku, hija ma għandhiex dak l-interess iżda "qiegħda però tissuggerixxi illi l-qorti għandha tabbanduna dawn il-prinċipji dwar interess ġuridiku u tabbraċċja kunċetti ġodda u 'aktar liberali' li jippermettu illi kawża tinfetaħ minn persuni jew entitajiet 'li ma jkunux neċessarjament direttament effettwati u li ma jkunx inkisrilhom xi jedd partikolari

tagħhom'". Fit-tweġiba tagħhom imbagħad ikomplu jelaboraw fuq l-elementi tradizzjonalment meħtieġa biex parti titqies illi għandha leġittimazzjoni attiva biex tiftaħ kawża.

11. Is-soċjetà attriċi ssostni li l-interess ġuridiku tagħha f'dan il-każ joħroġ mir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Parteċipazzjoni Pubblika fi Pjanijiet u Programmi – Avviż Legali 74 tal-2006 ["L.S. 549.41"[2]]. L-artikolu 1(2) ta' dawn ir-Regolamenti jgħid hekk:

    »Dawn ir-regolamenti jimplimentaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003, li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika fir-rigward tat-tħejjija ta' ċerti pjanijiet u programmi li jirrigwardaw l-ambjent u li temenda, fir-rigward tal-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja, id-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE.«

12. Id-Direttivi Ewropej implimentati fl-L.S. 549.41 huma dawk li s-soċjetà attriċi qiegħda tgħid li bis-saħħa tagħhom il-Konvenzjoni ta' Aarhus ["il-Konvenzjoni"] ingħatat is-saħħa ta' liġi fl-Unjoni Ewropea u, konsegwentement, bit-trasposizzjoni tad-Direttivi bil-L.S. 549.41, fil-liġi ta' Malta wkoll.

13. Il-L.S. 549.41 effettivament hija maħsuba biex tagħti drittijiet lill-"pubbliku" f'materja ta' ħarsien tal-ambjent. "Pubbliku" f'din il-leġislazzjoni huwa mfisser hekk:

    »"il-pubbliku" tfisser persuna naturali jew ġuridika waħda jew aktar u, skond il-leġislazzjoni jew il-prattika nazzjonali, l-assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew gruppi tagħhom.«

14. L-attriċi titqies parti mill-"pubbliku" taħt din id-definizzjoni u għalhekk id-drittijiet li jingħataw lill-"pubbliku" fil-L.S. 549.41 għandhom jitqiesu mogħtija lill-attriċi wkoll. Jekk l-attriċi qiegħda tgħid illi nkiser xi wieħed

[2] Qabel kien L.S. 504.69

minn dawn id-drittijiet mela għandha interess ġuridiku fil-kawża tallum. Imiss mela li naraw x'inhuma d-drittijiet mogħtija lill-"pubbliku" taħt il-L.S. 549.41. Dawn id-drittijiet insibuhom fir-reg. 3:

»**3**. (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-pubbliku jingħata opportunitajiet bikrija u effettivi biex jipparteċipa fil-preparazzjoni u l-modifika jew reviżjoni tal-pjanijiet jew il-programmi li jinħtieġ li jitħejjew taħt id-disposizzjonijiet elenkati fl-Iskeda.

»(2) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura illi:

»(*a*) il-pubbliku jiġi informat, sew b'avviżi pubbliċi jew b'mezzi xierqa oħra bħall-medja elettroniċi meta dawn ikunu disponibbli, dwar kull proposta għal pjanijiet jew programmi bħal dawk jew għall-modifika jew reviżjoni tagħhom u dik l-informazzjoni rilevanti dwar proposti bħal dawk tkun disponibbli għall-pubbliku inkluża fost l-oħrajn informazzjoni dwar il-dritt ta' parteċipazzjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet u dwar dik l-aworità kompetenti li lilha għandhom isiru kummenti jew mistoqsijiet;

»(*b*) il-pubbliku jkun intitolat jesprimi kummenti u opinjonijiet meta l-għażliet kollha jkunu miftuħa qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet fuq il-pjanijiet u l-programmi;

»(*ċ*) fit-teħid ta' dawk id-deċiżjonijiet, għandha tingħata l-konsiderazzjoni dovuta lir-riżultati tal-parteċipazzjoni pubblika;

»(*d*) wara li tkun eżaminat il-kummenti u l-opinjonijiet espressi mill-pubbliku, li l-awtorità kompetenti għandha twettaq sforzi raġonevoli biex tinforma lill-pubbliku bid-deċiżjonijiet meħuda u r-raġunijiet u l-konsiderazzjonijiet li fuqhom ikunu bażati dawk id-deċiżjonijiet, inkluża informazzjoni dwar il-proċess ta' parteċipazzjoni pubblika.«

15. Id-disposizzjonijiet elenkati fl-Iskeda msemmija fir-reg. 3(1) huma dawn:

»(*a*) Ir-regolament 7(1) tar-Regolamenti dwar l-Iskart.

»(*b*) Ir-regolament 7 tar-Regolamenti dwar Immaniġġar tal-Iskart (Batteriji u Akkumulaturi).

»(*ċ*) Ir-regolament 4(4) tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Ilma mit-Tniġġis kaġunat b'Nitrati ġejjin mill-Biedja.

»(*d*) Ir-regolament 4(3) tar-Regolamenti dwar l-Iskart.

»(*e*) Ir-regolament 10(1)(*b*) tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart.

»(*f*) Ir-regolament 7(2) tar-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Arja tal-Madwar.«

16. Ebda wieħed minn dawn id-disposizzjonijiet ma huwa relevanti għall-għanijiet tal-kawża tallum u għalhekk l-argument taħt il-L.S. 549.41 ma jistax jirnexxi.

17. Għandu jingħad iżda illi llum huwa relevanti wkoll l-Ordni tal-2014 li jemenda l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp – Avviż Legali 223 tal-2004 – maħruġ taħt l-artikolu 4 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea ["Kap. 460"] li wkoll għandu bħala l-għan tiegħu "t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/35 UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju, 2003 li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u pro-grammi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja" – l-istess Direttivi implimentati bil-L.S. 549.41. Fil-fatt l-Avviż Legali 223 tal-224 daħħal l-artikolu ġdid 41A f'dak li kien l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp ["Kap. 504"]:

> »**41A.** (1) Membri tal-pubbliku kkonċernat li għandhom interess suffiċjenti jkollhom aċċess għal proċedura ta' reviżjoni quddiem it-Tribunal biex jopponu l-legalità sostantiva jew proċedurali ta' kull deċiżjoni, att jew ommissjoni li għandhom x'jaqsmu ma' żvilupp jew stallazzjoni li hi soġġetta għal studju dwar l-impatt ambjentali ('*EIA*') jew permess dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis ('*IPPC*').
>
> »(2) Appell bħal dan jista' jiġi ppreżentat fi żmien tletin jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni finali tal-Awtorità:
>
> »Iżda appell bħal dan jista' jkollu x'jaqsam ma' jew ikun fih oġġezzjoni għal xi att jew ommissjoni li jkunu twettqu f'xi żmien waqt il-proċess tal-*EIA* jew tal-*IPPC* li wassal għad-deċiżjoni inkwistjoni.
>
> »(3) Għall-finijiet tas-subartikolu (1), l-interess ta' xi organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-protezzjoni tal-ambjent u li tkun reġistratata taħt l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji għandu jitqies bħala suffiċjenti.
>
> »… … …«

18. Dan jidher li hu implimentazzjoni tal-art. 10a tad-Direttiva 85/337/KEE introdott bl-artikolu 3.7 tad-Direttiva 2003/35:

> »L-Artikolu 10a
>
> »L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi, skond is-sistema legali nazzjonali rilevanti, il-membri tal-pubbliku interessat:
>
> »(a) li jkollhom interess biżżejjed, jew alternattivament,
>
> »(b) li jżommu l-indebboliment ta' dritt[3], meta l-liġi amministrattiva proċedurali ta' Stat Membru teħtieġ dan bħala pre-kondizzjoni,
>
> »ikollhom aċċess għal rivista[4] quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi għalbiex jisfida l-legalità sostanzjali jew proċedurali tad-deċiżjonijiet, l-atti jew l-omissjonijiet bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-parteċipazzjoni tal-pubbliku.
>
> »L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu f'liema stadju jistgħu jiġu rrikużati[5] d-deċiżjonijiet, l-atti jew l-omissjonijiet.
>
> »Dak li jikkostiwixxi interess suffiċjenti u l-indebboliment ta' dritt għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, b'mod konsistenti mal-mira li jingħata aċċess għall-ġustizzja lill-pubbliku interessat. Għal dan il-fini, l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tissodisfa l-ħtiġiet riferiti fl-Artikolu 1(2) għandu jitqies biżżejjed għall-għan tas-subparagrafu (a) ta' dan l-Artikolu. Dawn l-organizazzjonijiet għandhom jitqiesu wkoll li għandhom drittijiet kapaċi li jiġu indebboliti għall-għan tas-subparagrafu (b) ta' dan l-Artikolu.
>
> »Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jeskludu l-possibbiltà ta' proċedura ta' rivista preliminari quddiem awtorità amministrattiva u ma għandhomx jaffettwaw il-ħtieġa tal-eżawriment tal-proċeduri tar-rivista amministrattiva qabel ir-rikors għall-proċeduri tar-rivista ġudizzjarja, meta teżisti din il-ħtieġa taħt il-liġijiet nazzjonali.
>
> »Kull proċedura bħal din għandha tkun ġusta, retta, f'waqtha u ma tiswiex tant li tkun projbittiva.
>
> »Sabiex iżidu l-effettività tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw illi jintgħamel tagħrif prattiku disponibbli lill-pubbliku dwar l-aċċess għall-proċeduri amministrativi u ġudizzjarji tar-rivista.«

19. Dan jidher li jfisser illi l-L.S. 549.41 ma kienx implimenta għal kollox id-Direttivi applikabbli fiż-żmien relevanti għal din il-kawża u għalhekk f'dan il-kuntest għandha titqies it-talba tal-attriċi biex tintalab deċiżjoni

---

[3] "*maintaining the impairment of a right*" – "*che facciano valere la violazione di un diritto*"; verżjoni aħjar bil-Malti kienet tkun "li jsostnu li ġie mittiefes dritt" jew "li jfittxu l-ħarsien ta' dritt mittiefes".

[4] "*review procedure*"; *i.e.* "stħarriġ ġudizzjarju".

[5] "c*hallanged*; *i.e.* "impunjati".

preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea taħt l-art. 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ["TFUE"] dwar (i) jekk id-Direttivi jagħtux dritt ta' aċċess għal qorti f'ċirkostanzi bħal dawk tal-kawża tallum u (ii) jekk, fin-nuqqas ta' implimentazzjoni sħiħa tad-Direttivi fil-leġislazzjoni domestika, għandhomx l-istess Direttivi jingħataw dak li jissejjaħ "effett dirett orizzontali" jew, aħjar, "inċidentali" billi l-azzjoni tolqot mhux biss l-interessi tal-awtorità konvenuta – awtorità pubblika – iżda wkoll tal-konvenuti Said u Scerri – persuni privati.

20. Dwar din it-talba tal-attriċi għal rinviju taħt l-art. 267 tat-TFUE il-konvenuti Said u Scerri għamlu dawn l-osservazzjonijiet:

> »Jingħad qabel xejn illi *preliminary reference* ma tistax tintalab *en passant* f'rikors tal-appell iżda jrid isir rikors appożitu fil-forma illi trid il-liġi. Mingħajr preġudizzju għal dan però, l-esponenti jopponu għal din it-talba u jsostnu illi m'għandhiex tintlaqa', għar-raġunijiet li ser jiġi spjegati.
>
> »L-ewwelnett, il-'liġi komunitarja' illi għaliha qed tagħmel referenza l-assoċjazzjoni appellanti tikkonsisti f'żewġ Direttivi (*Directives*) u ċjoè 85/337/EEC u 96/61/EEC. Huwa paċifiku illi Direttivi (b'differenza mir-*Regulations*) mhumiex direttament applikabbli (*directly applicible*) imma biex ikunu viġenti fi stat Membri jridu qabel xejn jiġu trasposti fil-Liġi Nazzjonali. F'dan il-każ din it-trasposizzjoni saret, kif stqarret l-istess appellanta, bl-Avviż Legali 74 tal-2006. Effettivament mela m'għadniex qed nitkellmu dwar liġi komunitarja li hija directty applic-able imma dwar liġi Maltija illi tagħmel parti espliċita mill-ordinament ġuridiku Malti għaliex daħlet fis-seħħ b'Avviż Legali. Biex waslet għad-deċiżjoni tagħha, l-ewwel onorabbli qorti għamlet referenza għall-Avviż Legali msemmi u ikkonkludiet illi ma jagħtix lill-appellanta d-drittijiet li qed tippretendi. Dan ma jagħti lok għal ebda rinviju preġudizzjali.
>
> »Mingħajr preġudizzju għas-suespost, *dato ma non concesso* illi l-Avviż Legali msemmi għandu jitqies 'liġi komunitarja', huwa paċifiku illi referenza preġudizzjali tista' ssir biss jekk tqum kwestjoni dwar interpretazzjoni ta' disposizzjoni ta' liġi komunitarja. L-għodda tal-*pre-liminary reference* ma tistax u m'għandhiex tintuża meta l-vertenza mhijiex dwar interpretazzioni ta' liġi komunitarja iżda dwar applikabilità ta' tali liġi għall-fatti tal-każ. Din id-differenza ġiet spjegata f'dettall f'digriet mogħti minn dln l-onorabbli Qorti tal-Appell, kif diversament presjeduta, nhar is-26 ta' Ġunju 2007 fil-proċeduri fl-ismijiet ***GIE Pari***

*Mutuel Urbain (PMU) v. Bell Med Ltd* (C-26412) u *Computer Aided Technologies Limited* (C-18050):

> »"Jibda biex jingħad li għalkemm ma hemmx dubbju li fejn ikun hemm kwistjoni dwar l-interpretazzjoni ta' xi disposizzjoni ta' liġi komunitarja din il-qorti, bħala Qorti ta' Appell, hi obbligata li tagħmel referenza preġudizzjali, il-kwistjoni trid tkun verament dwar l-interpretazzjoni tal-liġi, u mhux kwistjoni jekk il-fatti partikolari tal-każ jinkwadrawx ruħhom *o meno* f'xi disposizzjoni tal-liġi. Fil-fatt it-tieni kweżit suġġerit mis-soċjetà appellata huwa fir-realtà talba mhux biex tiġi interpretata l-liġi iżda biex isir apprezzament ta' provi (li dià nġabu quddiem din il-qorti) minn qorti oħra biex dawn jiġu applikati minn dik il-qorti l-oħra. L-artikolu 234 tat-Trattat tal-Ewropa[6] jitkellem dwar 'interpretazzjoni' u mhux dwar 'applikazzjoni' tal-liġi komunitarja. Huwa minnu li xi minn daqqiet il-linja ta' demarkazzjoni bejn il-waħda u l-oħra tkun waħda pjuttost fina, però huwa importanti li din il-linja, fejn tista' tiġi traċċjata, tinġibed. Fi kliem l-awturi Craig u De Burca [Craig P. U De Burca G, *EU Law - Texts, Cases and Materials*, *OUP, 3rd ed*., pp. 472,473]:
>
> > »"'Indeed the very distinction between interpretation and application is meant to be one of the characteristic features of the division of authority between the ECJ and national courts: the former interprets the Treaty, the latter apply that interpretation to the facts of a particular case. This distinction is, moreover, perceived to be oa further reason for differentiating the relationship between the national courts and the ECJ from that which exists in a more truly federal, appellate system where the superior court may well decide the actual case. ... The willingness of the ECJ to provide very specific answers to questions serves to blur the line between interpretation and application. It also serves to render the idea of the ECJ and the national courts being separate but equal each having their own assigned roles, more illusory.'"«

»Illi dak li wieħed irid jistaqsi f'dan il-każ huwa mela: fil-każ in eżami qam xi dubbju dwar interpretazzjoni ta' xi liġi komunitarja jew inkella sempliċiment !-appellanta ma qablitx mal-mod kif il-qorti applikat liġi?

»Bir-rispett kollu m'hemmx dubbju illi l-assoċjazzjoni appellanta qiegħda tipprova tressaq 'appell' quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Fil-fatt, minn imkien fis-sentenza appellata ma jirriżulta illi qatt kien hemm xi vertenza dwar interpretazzjoni ta' xi liġi Ewropea. Il-qorti ikkunsidrat il-liġi Ewropea kif trasposta f'Malta u waslet għall-konklużjoni, fl-opinjoni tal-esponenti kjarament korretta, illi din mhijiex relevanti fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ. Il-fatt illi l-appellanta ma taqbilx ma jagħtihiex jedd illi tressaq ir-rikjesta tagħha quddiem il-Qorti Ewropea. Jekk imbagħad l-assoċjazzjoni appellanta għandha xi lanjanza dwar il-metodu kif id-Direttivi ġew trasposti fil-liġi Maltija, ir-rimedji li jista' jkollha huma differenti u estranji għall-kawża li fetħet l-appellanta kontra l-esponenti.

»Għalhekk l-esponenti bir-rispett issostni illi l-ewwel aggravju tal-appellanta għandu jiġi miċħud u dan mingħajr ma ssir ebda *preliminary reference*.«

---

[6] Illum art. 267 tat-TFUE.

21. Jingħad qabel xejn illi l-ewwel oġġezzjoni tal-konvenuti – dwar il-ħtieġa ta' rikors *ad hoc* – hija ħażina għax din il-qorti ghandha s-setgha *a sua sponte*, jekk ma ssirx talba mill-partijiet, titlob deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq materja ta' interpretazzjoni ta' atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, bħal ma huma d-Direttivi li fuqhom qiegħda tistrieħ l-attriċi.

22. Lanqas ma hija fatali l-oġġezzjoni illi f'kull każ Direttivi ma għandhomx effett dirett, għax, kif sejrin naraw 'il quddiem, jista' jkun hemm ċirko-stanzi fejn direttivi jkollhom effett dirett 'inċidentali' fuq persuni privati.

23. Għandu jingħad ukoll illi, għalkemm huwa minnu dak li jgħidu l-konvenuti illi ma hemmx talba biex il-qorti tgħid illi hemm in-kompatibilità bejn id-Direttivi u l-Avviż Legali li jimplimentahom, dan iżda ma jfissirx illi d-Direttivi u l-interpretazzjoni korretta tagħhom ma jibqgħux relevanti, għax dejjem jibqa' fuq il-qorti d-dmir tal-inter-pretazzjoni konformi tal-leġislazzjoni domestika mad-Direttiva impli-mentata b'dik il-leġislazzjoni[7].

24. Il-kwistjoni fondamentali qabel xejn hija jekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum jistgħux id-Direttivi jitqiesu li għandhom effett dirett li tista' tinqeda bih l-attriċi ukoll jekk dan jolqot ukoll inċidentalment lill-konvenuti Said u Scerri bħala persuni privati. Jekk it-tweġiba tkun illi hemm dak l-effett dirett, imbagħad tqum il-kwistjoni l-oħra jekk aħniex qegħdin nittrattaw dwar "interpretazzjoni" tad-Direttivi jew dwar "app-likazzjoni" tagħhom. Naturalment, qabel "tapplika" liġi trid l-ewwel

[7] Ara *e.g.* Von Colson u Kamann *v.* Land Nordrhein-Westfalen, C-14/83, Qorti tal-Ġustizzja, 10 ta' April 1984, para. 26.

"tinterpretaha" u l-interpretazzjoni trid titqies ukoll fid-dawl ta' dak illi l-ġurisprudenza u d-dottrina ewropej iridu biex jingħata effett dirett lid-Direttivi.

25. Nibdew bil-kwistjoni tal-effett dirett. Il-kondizzjonijiet biex Direttiva jkollha effett dirett ġew imfissra hekk f'sentenza, fost oħrajn, tad-19 ta' Jannar 1982 fil-każ 8/81 Becker *v.* Finanzamt Münster-Innenstadt:

> »25. … … … wherever the provisions of a directive appear, as far as their subjectmatter is concerned, to be unconditional and sufficiently precise, those provisions may, in the absence of implementing measures adopted within the prescribed period, be relied upon as against any national provision which is incompatible with the directive or in so far as the provisions define rights which individuals are abie to assert against the State.«

26. Mela biex Direttiva jista' jkollha effett dirett id-disposizzjonijiet tagħha jridu jkunu i. mhux soġġetti għal kondizzjonijiet, ii. biżżejjed preċiżi u iii. maħsuba biex jagħtu drittijiet lil individwi kontra l-istat jew l-organi tiegħu. Irid ikun ukoll għadda inutilment iż-żmien għall-impliment-azzjoni tagħhom – fil-każ tad-Direttiva 2003/35 din kellha tiġi impli-mentata sal-25 ta' Ġunju 2005.

27. L-ostakolu fil-każ tallum tidher li hija l-ħtieġa li d-drittijiet taħt id-Direttiva jkunu mogħtija lil individwi kontra l-istat jew l-organi tiegħu, mhux kontra individwi privati oħra: fi kliem ieħor, Direttiva jista' jkollha effett dirett "vertikali" f'ċirkostanzi xierqa, iżda mhux effett dirett "orizz-ontali". Din il-kondizzjoni kompliet tiġi mfissra mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-26 ta' Frar 1986 fil-każ 152/84 Marshall *v.* Southampton and South-West Hampshire Area Health Authority:

> »With regard to the argument that a directive may not be relied upon against an individual, it must be emphasized that according to Article

> 189 of the EEC Treaty the binding nature of a directive, which constitutes the basis for the possibility of relying on the directive before a national court, exists only in relation to 'each Member State to which it is addressed'. It follows that a directive may not of itself impose obligations on an individual and that a provision of a directive may not be relied upon as such against such a person. … … … «[8]

28. Madankollu jeżisti wkoll il-kunċett ta' effett "inċidentali" aktar milli "orizzontali" fejn il-Qorti tal-Ġustizzja sabet illi l-effett dirett ta' Direttiva bejn l-istat u individwu tista' "inċidentalment" tolqot il-posizzjoni legali ta' individwi privati oħra[9] ukoll jekk ma tiġġenerax dritt favur individwu kontra tieħor.

29. Effettivament fil-każ tallum l-attriċi ma hijiex qiegħda tinvoka dritt kontra l-atturi Said u Scerri; li qiegħda tinvoka huwa dritt kontra l-Awtorità konvenuta – organu tal-istat – billi tesiġi mingħand dik l-awtorità li tara li ma jsirx żvilupp mingħajr permess illi jista' jkollu effett ħażin fuq l-ambjent. Il-konsegwenza li l-adempiment tal-Awtorità konvenuta ma' din it-talba jista' jkollu fuq il-posizzjoni legali tal-konvenuti Said u Scerri huwa biss effett "inċidentali" tad-dritt li l-attriċi għandha, mhux kontra tagħhom iżda kontra l-awtorità, taħt id-Direttivi.

30. Ma jidhirx għalhekk illi bl-applikazzjoni diretta d-Direttiva tingħata effett "orizzontali" fis-sens li tagħti dritt lill-attriċi kontra l-konvenuti Said u Scerri; tkun qiegħda biss tingħata effett "vertikali" fir-relazzjoni bejn l-attriċi u l-Awtorità konvenuta li jista' jkollu effett "inċidentali" fuq il-konvenuti Said u Scerri.

---

8 Ara wkoll Paola Faccini Dori *v Recreb Srl* (Każ C-91/92).

9 Ara *e.g.* R. *v.* The Medicines Control Agency *ex parte Smith & Nephew Pharmaceuticals Ltd* and *Primecrown Ltd v.* The Medicine Control Agency (każ C-201/94); *CIA Security International SA v. Signalson SA* and *Securitel Sprl* (każ C194/94); *Unilever Italia SpA v. Central Food SpA* (każ C-443/98).

31. Imiss naraw jekk hemmx l-elementi l-oħra meħtieġa biex id-Direttiva 2003/35 tingħata effett dirett, *viz.* li d-disposizzjonijiet tagħha i. ma humiex soġġetti għal kondizzjonijiet u ii. huma biżżejjed preċiżi.

32. Fil-fehma tal-qorti d-dritt mogħti taħt id-Direttiva huwa biżżejjed preċiż: dak li jagħti lil persuni interessati aċċess għal rimedju ġudizzjarju "għalbiex jisfida l-legalità sostanzjali jew proċedurali tad-deċiżjonijiet, l-atti jew l-omissjonijiet" tal-awtoritajiet li jkollhom impatt ambjentali, fosthom għalhekk omissjoni bħal dik li l-atturi jgħidu li hija respons-abbli għaliha l-Awtorità konvenuta meta ma ratx li ma jsirx żvilupp mingħajr permess li jiswa.

33. Għalkemm jista' jingħad illi l-ħtieġa illi "dak li jikkostiwixxi interess suffiċjenti u l-indebboliment ta' dritt għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri" tista' titqies bħala kondizzjoni li, fiż-żmien relevanti kienet għadha ma tħarsitx, madankollu, persuni bħal ma hija s-soċjetà attriċi ma jintlaqtux b'dik il-kondizzjoni għax id-Direttiva stess tgħid illi:

> »l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tissodisfa l-ħtiġiet riferiti fl-Artikolu 1(2) għandu jitqies biżżejjed għall-għan tas-subparagrafu (a) ta' dan l-Artikolu. Dawn l-organizazzjonijiet għand-hom jitqiesu wkoll li għandhom drittijiet kapaċi li jiġu indebboliti għall-għan tas-subparagrafu (b) ta' dan l-Artikolu.«

34. Dan juri ċar illi l-attriċi għandha "drittijiet kapaċi li jiġu indebboliti" – jew, bil-Malti tajjeb, drittijiet li jistgħu jintlaqtu ħażin – f'materja ambjentali u għandha wkoll l-interess meħtieġ biex ikollha aċċess għal stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil jew l-omissjoni tal-Awtorità konvenuta.

35. Il-konklużjoni mela għandha tkun i. illi t-tifsira tad-Direttiva hija ċara biżżejjed li ma teħtieġx interpretazzjoni, u għaldaqstant ma hija meħ-

tieġa ebda deċiżjoni preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja, u ii. illi l-attriċi għandha interess ġuridiku illi jagħtiha leġittimazzjoni attiva biex tmexxi b'din l-azzjoni tallum. L-ewwel aggravju għandu għalhekk jintlaqa', u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti Said u Scerri tiġi miċħuda.

36. Imiss issa li nqisu l-aggravju dwar it-tielet eċċezzjoni. Dan l-aggravju ġie mfisser hekk:

> »Illi fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni preliminari tal-appellati Said u Sċerri … … … kemm l-appellati kif ukoll ewwel onorabbli qorti għamlu referenza estensiva għas-sentenza ta' dina l-onorabbli qorti tad-29 ta' Novembru 2009 fl-ismijiet <u>Carmelo Farrugia *et v.* Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar</u>. Bir-rispett kollu, is-soċjetà appellanti ma tarax għala l-kawża odjerna kellha tiġi nċampata bil-konklużjonijiet ta' tali sentenza li huma kondiviżibli. It-talbiet attriċi tal-kawża msemmija huma simili biss għas-sitt u seba' talba attriċi tal-azzjoni odjerna u ma kellhomx jinċidu fuq l-ewwel ħames talbiet attriċi tal-azzjoni odjerna li huma dawk prinċipali. Illi sabilx tingħata dikjarazzjoni illi permess ma estendiex il-validità ta' permess preċedenti, illi ma setax isir żvilupp fuq is-sit in kwistjoni wara li skada l-ewwel permess, illi r-<u>*Revised Method*</u> *Statement* ma setax jissanċixxi żvilupp fuq is-sit *de quo* u, konseg-wentement, illi x-xogħlijiet li twettqu wara li skada l-permess oriġinali kienu llegali, *cioè* l-ewwel ħames talbiet attriċi, jaqgħu fil-kompetenza tal-ewwel onorabbli qorti u ta' ħadd aktar, l-anqas tal-Bord tal-Appelli tal-Ippjanar. Għaldaqstant, l-ewwel onorabbli qorti ma kellha l-ebda dritt tiddeklina l-kompetenza tagħha fir-rigward tal-ewwel ħames talbiet. *Se mai* setgħet iddeklinatha fir-rigward tal-aħħar żewġ talbiet imma mhux tal-ewwel ħames talbiet.
>
> »Illi anke fir-rigward tal-aħħar żewġ talbiet, is-seba' talba tas-soċjetà appellanti hija abbozzata b'tali mod u manjiera illi huwa evidenti illi s-soċjetà appellanti talbet lill-qorti sabiex tagħti lill-Awtorità appellata dawk 'il-provvedimenti u ordnijiet meħtieġa' sabiex tieħu l-passi meħtieġa ħalli tara għandhiex teżerċita d-diskrezzjoni tagħha taħt l-artiklu 39A tal-Kap. 356. Dana peress illi anke fil-każ odjern, l-Awtorità appellata naqset illi teżerċita d-diskrezzjoni tagħha *ai termini* tal-artiklu 39A tal-Kap. 356. Illi bl-applikazzjoni tad-dottrina tal-ekwipollenza, ma kien hemm xejn illi jżomm lill-ewwet onorabbli qorti illi twettaq *judicial review* tad-deċiżjoni tal-Awtorità appellata illi ma tinvokax l-artiklu 39A tal-Kap. 356 u dana biss fl-eventwalità illi l-ewwel onorabbli qorti kienet issib illi l-permess PA 5846/04 kien estenda l-validità tal-permess PA 6321/02. Kieku l-ewwel onorabbli qorti sabet, kif qed tallega s-soċjetà appellanti, illi l-permess PA 5846/04 ma estendiex il-validità tal-permess PA 6321/02, allura l-anqas ma kien ikun hemm lok ta' *judicial review* tad-deċiżjoni tal-Awtorità appellata illi ma teżerċitax id-diskrezzjoni tagħha *ai termini* tal-artikolu 39A tal-Kap. 356. Huwa ovvju illi s-sitt u s-seba' talba attriċi huma alternattivi għall-ewwel ħames talbiet attriċi u huwa altament inġust illi l-ewwel onorabbli qorti

għoġobha tiddeklina l-kompetenza tagħha fir-rigward tal-kawża kollha minħabba l-aħħar żewġ talbiet attriċi.«

37. Il-konvenuti Said u Scerri wieġbu hekk:

»… … … fit-tieni aggravju tagħha l-appellanta qed tikkontesta dik il-parti tad-deċiżjoni appellata illi fiha l-ewwel onorabbli qorti iddikjarat illi mhijiex kompetenti biex tisma' t-talbiet attriċi.

»Illi, fil-qosor, f'din il-kawża, din l-onorabbli qorti qiegħda tintalab tagħti deċiżjoni dwar validità ta' permessi għal żvilupp, irritwalità ta' dokumenti ippreżentati lil u approvati mill-appellata l-oħra *MEPA* u qed jintalab ukoll illi l-Awtorità msemmija tirrevoka permessi ġà approvati minnha u toħroġ avviżi ta'enfurzar.

»Illi minkejja dak li qed issostni l-appellanta fl-appell tagħha, dawn il-mansjonijiet huma prettament tal-Awtorità konvenuta *ai termini* tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 356), illi fil-parti kbira tiegħu ġie sostitwit bl-artikoli tal-Kap. 504 fil-mori ta' din il-kawża.

»Hekk ngħidu aħna, dak li kien l-artiklu 39A tal-Kap. 356 kien jistipula l-proċedura għal revoka u tibdil ta' permess tal-iżvilupp waqt illi l-artiklu 52 kien ikopri l-proċedura għall-ħruġ ta' avviżi ta' twettiq. Il-*forum* uniku u kompetenti biex jagħti dawn ir-rimedji huwa l-Awtorità konvenuta li għandha ġurisdizzjoni esklussiva biex tiddeċiedi dwar dawn il-punti. Li kieku l-leġislatur xtaq illi tali diskrezzjoni jew poteri jiġu eżerċitati mill-qrati ordinarji kien jispeċifika dan bħal meta, ngħidu aħna, l-liġi tipprospetta appelli minn deċiżjonijiet tal-Bord ta' Reviżjoni tal-*MEPA* quddiem il-qrati ordinarji fuq punti ta' dritt.

»Illi huwa paċifiku illi l-qrati ordinarji ma jistgħux jissostitwixxu d-diskrezzjoni tagħhom għal dik ta' awtorità jew bord amministrattiv illi huwa mogħti poteri partikolari mil-liġi fir-rigward. Ir-rwol li jista' jkollhom il-qrati huwa li jwettqu *judicial review* fis-sens illi jistgħu jissindikaw l-operat ta' tribunal amministrattiv jew organu ieħor b'poteri ġudizzjarji jew kważi-ġudizzjarji, iżda l-ebda entiti simili, inkluż awtorità bħalma hija l-*MEPA* 'Ma tista' tiġi dettata x'għandha tiddeċiedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari'[10].

»Illi abbażi ta' dan il-prinċipju l-qrati nostrani iddeċidew illi, ngħidu aħna, ma setgħux jordnaw it-tħassir ta' permessi *ai termini* tal-artiklu 39A tal-Kap. 355 għax dik hija materja mħollija fil-kompetenza tal-Awtorità.

»Illi quddiem l-ewwel onorabbli qorti l-esponenti għamlu referenza għas-sentenza fl-ismijiet Carmelo u Alison konjugi Farrugia *et v.* L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar[11] fejn bħal fil-każ in eżami l-qorti ntalbet tirrrevoka u/jew tibdel permessi ġà maħruġa mill-*MEPA*. Din is-sentenza għamlet referenza għaliha anke l-qorti fid-deċiżjoni appellata u għalhekk il-parti relevanti qiegħda tiġi mill-ġdid riprodotta:

> "Fil-każ ta' applikazzjoni għall-iżvilupp, l-istess liġi li tirregola l-ħruġ tal-permessi relativi tirregola kif u meta terzi interessati jistgħu

[10] »Borda *v.* Ellul Micallef *noe et*, 29.05.2009.«

[11] »Qorti tal-Appell (Superjuri), 27.11.2009, illi ikkonfermat id-deċiżjoni tal-ewwel qorti.«

jindaħlu fil-proċess u jressqu l-oġġezzjonijiet tagħhom, anke ta' natura ambjentali, kontra l-ħruġ tal-premess. It-terzi interessati li jinjoraw il-proċeduri stabbiliti bil-liġi jkunu qed juru dispett lejn il-liġi jekk, wara li joħroġ il-permess, joġġezzjonaw għall-ħruġ tal-istess u jilmentaw, anke b'kitba fil-ġurnali, dwar kif l-interessi tagħhom ġew kalpestati! Il-liġi, bir-raġun, trid li, min irid joġġezzjona għal xi żvilupp, irid jagħmel dan fl-istadju bikri tal-proċess għall-ħruġ tal-permess, u għalhekk tipprovdi għall-pubbliċità ta' kull applikazzjoni li ssir; jekk dak li jkun jonqos milli jużufruwixxi ruħu mir-rimedji opportuni, ikun qed jonqos mir-rispett meħtieġ lejn ir-*rule of law* jekk, wara li l-proċess jintemm u jibda x-xogħol relattiv, jippretendi li l-proċess aġġudikattiv jerġa' jinfetaħ biex issa jitqiesu l-ilmenti tiegħu. Jekk l-atturi, f'dan il-każ, kellhom xi interess jopponu l-pjan ta' żvilupp, messhom irreġistraw ruħhom bħala '*opponents*', u b'hekk kien ikollhom id-dritt legali li jsemmgħu leħenhom waqt il-proċess kollu ta' deliberazzjoni. Mhux biss, iżda jekk l-Awtorità tiċħad l-ilmenti tagħhom, kien ikollhom dritt jappellaw quddiem il-Bord tal-Appelli u wara anke jressqu appell, fuq punt ta' liġi, għal quddiem din il-qorti, sede inferjuri."

»"… … …"

»Kif intqal ukoll, il-ġurisdizzjoni tal-Bord tal-Appell hi waħda ampja: dan 'għaliex il-Bord ma ngħatax biss is-setgħa li jirrevoka jew jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar, iżda ngħata wkoll il-ġurisdizzjoni li jbiddel l-istess deċiżjoni, kif ukoll li jagħti dawk id-direttivi li jidhirlu xieraq' - Trapani Galea *noe v.* l-Awtorità tal-Ippjanar, deċiża minn din il-qorti fid-29 ta' Ottubru 1999.

»L-Awtorità u l-Bord tal-Appell għandhom funzjoni wiesgħa u l-kompetenza li jqisu kull tip ta' lment li jitressaq kontra applikazzjoni ta' żvilupp li titressaq għall-konsiderazzjoni tagħhom, u l-ilmenti tal-atturi, kieku tressqu kif trid it-liġi, kienu jidħlu li jiġu kkunsidrati mill-Awtorità u l-Bord imsemmija.

»L-atturi f'dan il-każ naqsu li jintervjenu fil-proċess għall-ħruġ tal-permess in kwistjoni, u issa, wara li ħareġ il-permess, iridu jħassru kollox billi jinvokaw l-artikolu 39A li jagħti s-setgħa lill-Awtorità konvenuta tħassar permess li jkun inħareġ jekk jirriżultalha frodi. Kif però tajjeb osservat l-ewwel qorti, dan l-artikolu jagħti d-diskrezzjoni relattiva ('tista'') lill-Awtorità u mhux lill-qorti, u, meta jkun każ ta' diskrezzjoni amministrattiva, il-qrati ordinarji ma jistgħux jissostitwixxu d-diskrezzjoni tagħhom għal dik tal-Awtorità kompetenti, imma jistgħu, meta jintalab ir-rimedju ta' *judicial review*, jaraw li, fl-ewwel lok, tiġi eżerċitata dik id-diskrezzjoni, u, fit-tieni lok, li meta tiġi eżerċitata, id-deċiżjoni tkun wahda *rite et recte* (li, per eżempju, tkun deċiżjoni *intra vires* il-poteri tagħha, li ma ttieħdetx bi ksur tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali, u li ttieħdu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha rilevanti u ma tteħdux in konsiderazzjoni fatturi irrilevanti). Id-deċiżjoni, però, ma teħodhiex il-qorti, iżda din, f'kaz li jirriżultalha xi difett fid-deċizjoni jew fil-mod li ttieħdet, tħassar l-istess deċiżjoni u tibgħat il-każ lura lill-organu kompetenti biex dan jieħu d-deċiżjoni fir-parametri tal-liġi.

»F'dan il-każ, l-atturi jargumentaw li wara li ġibdu l-attenzjoni tal-Awtorità għal ċertu irregolaritajiet u talbu lill-istess Awtorità tipprovdi fit-termini tal-artikolu 39A tal-Kap. 356, ma semgħu xejn aktar mill-istess Awtorità. Jekk, allura, l-ilment tagħhom hu li l-Awtortita injorathom, setgħu jadixxu dawn il-qrati biex jitolbuhom jordnaw lill-Awtorità

teżerċita d-diskrezzjoni tagħha (kif ġara, per eżempju fil-każ Demartino v. Kummissjoni Elettorali *et*, deċiża minn din il-qorti fl-1 ta' Diċembru 2006). Jekk, min-naħa l-oħra l-ilment ikun li d-deċiżjoni li ttieħdet mill-Awtorità fuq l-ilment tagħhom kienet żbaljata – żbaljata fis-sens tal-ġurisprudenza in materja f'kazijiet ta' *judicial review* – allura l-atturi setgħu wkoll jadixxu lill-qrati biex l-istess deċiżjoni tiġi riveduta fil-parametri tal-liġi … … …

»L-atturi, però, ma għamlu xejn minn dan, u jridu li din il-qorti tassumi funzjoni li bil-liġi hi reservata għal awtorità oħra. … … …

»… … …

»Illi, stranament, fl-appell tagħha l-assoċjazzjoni *Ramblers* tiddikjara illi 'l-konklużjonijiet ta' tali sentenza (ta' Farrugia) huma kondiviżibbli' però mbagħad tkompli tgħid illi l-każ tagħha huwa differenti għaliex mhix qed titlob biss tħassir ta' permessi iżda qed titlob ukoll dikjarazzjonijiet illi l-qorti kellha l-kompetenza tidħol fihom. L-appellanta saħansitra tipprova toħloq distinzjoni bejn l-aħħar żewġ tatbiet tagħha (li donnha qiegħda issa taċċetta illi jeżorbitaw il-kompetenza tal-qorti) u l-ewwel ħames talbiet li skont hi 'jaqgħu fil-kompetenza tal-qorti u ta' ħadd aktar, lanqas tal-Bord tal-Appelli tal-Ippjanar'.

»Illi bir-rispett dan l-argoment ma jreġix. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel ħames talbiet fir-rikors promotur jirriżulta ċar illi l-esponenti qiegħda tittenta tattakka deċiżjonijiet (permessi u *revised method statement* li jaqgħu prettament taħt id-diskrezzjoni tal-*MEPA* u qiegħda saħansitra (fil-ħames talba) titlob lill-qorti tordna lill-*MEPA* 'tibda proċeduri ta' infurzar'. Minn meta 'l hawn dawn id-deċiżjonijiet m'għadhomx jaqgħu taħt il-kompetenza tal-*MEPA*?

»Illi l-ħames talbiet kif dedotti jitolbu rimedju ġudizzjarju għal agir u konklużjonijiet amministrattivi li skont l-appellanta kienu deċiżjonijiet ħżiena. Mhux qed jiġi allegat li l-intimata l-*MEPA* ma segwietx xi obbligu ta' pubbliċità jew ta' proċessar imma biss li 'l-permess numru PA 5846/04 bl-ebda mod ma estenda l-validità tal-permess numru PA 6321/02' u għalhekk kull ma sar wara huwa null/illegali [l-erba' talbiet li jsewgu l-ewwel talba huma konsegwenzjali]. Huwa paċifiku li l-leġislatur ried li tali proċessi jiġu determinati mill-*MEPA* bl-istrutturi tagħha, fl-ambitu tal-liġi u li mhuwiex il-kompitu tal-qrati nostrani la jassumu u lanqas jadoperaw tali proċessi u poteri.

»Kienet għalhekk korretta l-ewwel onorabbli qorti meta ikkonkludiet illi dak deċiż mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ta' Farrugia jgħodd għall-kawża tal-lum.

»Illi għalhekk jiġi sottomess bir-rispett illi anke t-tieni aggravju huwa insostenibbli għaliex il-qrati ċivili m'għandhomx il-kompetenza illi jiddeċiedu l-mertu tat-talbiet kif proposti *stante* li l-attriċi appelanta qiegħda titlob rimedji/deċiżjonijiet li jistgħu biss jingħataw mill-Awtorità appellata u fl-ambitu tal-liġijiet u regolamenti tal-ippjanar applikabbli.«

38. Il-fatti relevanti għal din l-eċċezzjoni huma dawn: l-Awtorità konvenuta kienet matul is-snin ħarġet erba' permessi fuq is-sit tal-konvenuti l-oħra: PA 2835/2000 (*to reconstruct the existing structures with very*

*minor alterations to facilitate use at Wied tal-Marġa, l/o Baħrija*); PA 6321/2002 (*rehabilitation of existing dwelling (outline PA 2835/00) at Wied tal-Marġa*, *l/o Baħrija*); PA 5846/2004 (*to delete condition 3 in order to conform with condition 1 in PA 6321/02 at Wied tal-Marġa, l/o Baħrija*); u PA 7719/2006 (*amendments to approved PA 6321/02 (to rehabilitate dwelling), at Wied tal-Marġa, l/o Baħrija*).

39. L-aħħar permess – PA 7719/2006 – kienet ħassritu l-Awtorità konvenuta stess fit-13 ta' Awissu 2009. L-attriċi tgħid illi l-ewwel żewġ permessi wkoll – PA 2835/2000 u PA 6321/2002 – illum ma għadhomx jiswew billi għaddew ħames snin minn meta nħarġu. L-attriċi tgħid ukoll illi l-permess PA 5846/2004 kien maħsub biss biex jibdel kondizzjoni tal-permess PA 6321/2002 u ma jistax jitqies maħsub li jżomm fis-seħħ lil dak il-permess wara li jkunu għaddew ħames snin minn meta ħareġ. Barra minn hekk, tkompli tgħid l-attriċi, ukoll jekk PA 5846/2004 jista' jitqies li kien għadu fis-seħħ meta nfetħet il-kawża, l-iżvilupp li sar bis-saħħa tiegħu ma ħarisx il-kondizzjonijiet li taħthom inħareġ.

40. Li qiegħda titlob l-attriċi hija dikjarazzjoni illi permess – PA 6321/2002 – ma għadux jiswa għax għaddew ħames snin minn meta ħareġ u illi permess ieħor – PA 5846/2004 – maħsub biex jibdel kondizzjoni fl-ewwel permess ma kellux ukoll l-effett li jżomm fis-seħħ dak l-ewwel permess. Bħala konsegwenza ta' dan qiegħda titlob dikjarazzjoni illi dak li sar bis-saħħa ta' permess li ma kienx għadu jiswa sar bi ksur tal-liġi u għalhekk għandu jitneħħa. Dan huwa l-meritu tal-ewwel

ħames talbiet; fis-sitt u s-seba' talbiet imbagħad qiegħda titlob it-tħassir tal-permess fil-każ illi l-ewwel ħames talbiet ma jintlaqgħux.

41. Dan juri illi l-osservazzjonijiet tal-konvenuti, għalkemm jistgħu jkunu korretti, madankollu ma jolqtux il-każ tallum għax l-attriċi, għall-inqas fl-ewwel ħames talbiet, ma hijiex qiegħda titlob illi jitħassru permessi jew illi ma jinħarġux permessi; li qiegħda titlob hu dikjarazzjoni li permess ma għadux jiswa u li dak li sar bis-saħħa tiegħu għalhekk hu ħażin. Huwa għalkollox irrelevanti illi l-attriċi ma "indaħlitx" u ma semmgħetx leħenha fil-waqt meta l-Awtorità konvenuta kienet qiegħda tiddelibera l-permess kellux joħroġ jew le: il-fatt illi f'dak il-waqt l-attriċi ma kellhiex osservazzjonijiet x'tagħmel dwar it-talba għall-ħruġ tal-permess ma jfissirx illi l-permess jibqa' jiswa meta jagħlaqlu ż-żmien.

42. Ladarba issa l-liġi – bis-saħħa tad-Direttivi fuq imsemmija – tagħti lill-attriċi interess titlob dikjarazzjonijiet bħal dawk li qiegħda titlob fl-ewwel ħames talbiet u l-konsegwenzi li joħorġu minnhom, u l-liġi domestika fiż-żmien relevanti ma kinitx tagħti aċċess għal organu ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju specjali biex iqis talbiet bħal dawk, il-kawża kellha bilfors tinġieb – kif inġiebet – quddiem il-qorti ta' kompetenza residwali: il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. B'hekk din il-qorti ma hijiex qiegħda tgħid illi l-permess tassew ma għadux jiswa u li dak li sar bis-saħħa tiegħu sar bi ksur tal-liġi; qiegħda tgħid biss illi l-qorti għandha kompetenza tisma' u tiddeċiedi fuq it-talbiet relativi.

43. Dawn il-konsiderazzjonijiet igħoddu għall-ewwel ħames talbiet u mhux ukoll għall-aħħar tnejn li fil-fatt huma għat-tħassir ta' permess li, kif

jidher illi tammetti l-istess attriċi, ma jaqgħux fil-kompetenza tal-Prim'Awla jekk mhux fil-kuntest ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv, li ma huwiex il-każ fil-kawża tallum.

44. It-tieni aggravju għalhekk jixraq illi jintlaqa' wkoll iżda biss safejn jolqot l-ewwel ħames talbiet tal-attriċi.

45. Il-qorti għalhekk tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Said u Scerri u tħassarha fejn laqgħet it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet; tipprovdi minflok billi tiċħad it-tieni eċċezzjoni u tilqa' t-tielet eċċezzjoni biss safejn tolqot is-sitt u s-seba' talbiet u tiċħadha fejn tolqot l-ewwel ħames talbiet. Tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ tal-kawża fil-meritu.

46. L-ispejjeż relativi għal dan l-episodju – kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell – tħallashom l-Awtorità konvenuta hlief li l-ispejjez tal-konvenuti Said u Scerri relattivi ghal dan l-appell ihallsuhom l-istess konvenuti Said u Scerri.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb